


# IL-MISSJUNARJU

*Newspaper post* | *Ħarġa Nru: 127* | *Marzu 2020 - Mejju 2020*

## ESPERJENZA MISSJUNARJA FIL-KENJA

*John Sammut*

Fil-31 ta' Lulju 2019, grupp ta' 16-il voluntiera tal-Mission Fund, flimkien mad-direttur spiritwali Fr Franco Fenech morna Ruiru fil-Kenja biex nagħmlu esperjenza missjunarja ta' ħames ġimgħat. Hemmhekk aħna tajna l-għajnuna tagħna sabiex jitwettaq proġett ta' bini ta' ħames klassijiet, laboratorju, verandah u toilets għal skola



sekondarja mmexxija mis-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù. Matul dawn il-ġranet, minbarra x-xogħol normali tal-ġurnata, morna nżuru numru ta' familji foqra. Inqsamna fi gruppi ta' 3 jew 4 persuni biex ma nkunux ħafna. Il-parti l-kbira ta' dawn il-familji kienu jikkonsisitu f'ommijiet separati jew inkella ommijiet xebbiet.

L-ewwel ma żorna kienet mara li għandha l-marda tal-AIDS u li tgħix ġo dar taż-żingu daqs gabuba, li hija aktar addattata biex trabbi l-ħamiem fiha milli biex joqogħdu n-nies. Din il-mara jkollha tħallas kera ta' 1,200 KSh fix-xahar. Hija għandha tlett itfal u r-raġel tagħha kien telaqha. Xi tlett xhur ilu it-tfal tagħhakienu mardu u kellha teħodhom l-isptar. Hemmhekk l-isptarijet m'humiex b'xejn. Minħabba l-ispejjeż li ħallset għall-isptar, ma kelliex flus għall-kera u sid il-kera ried ikeċċiha l-barra.

Familja oħra kienet tikkonsisi f'mara anzjana li anke din kien telaqha r-raġel. Hija għandha żewġt itfal u hija nanna ta' tlett neputijiet. It-tfal tagħha u ż-żewġ neputijiet il-kbar imorru jaraw kif jistgħu jaqilgħu xi ħaġa tal-flus filwaqt li n-nanna jkollha tieħu ħsieb in-neputija ż-żgħira.

Żjara oħra saret lil omm ta' madwar 43 sena li tbati bil-marda tad-dyslexia. Din il-mara hija separata u għandha tlett itfal. Il-kbira tattendi l-iskola sekondarja tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù. Ħaġa li laqtitna ħafna kien il-fatt li f'dik id-daqsxejn ta' dar fejn kienet toqgħod, kien hemm żewġ inkwatri ta' San

**MISSION FUND:** 500, Eureka Court, Blokk A, Flat 6,Triq il-Kbira, Mosta MST 1018 ***Ħinijiet tal-ftuħ:*** Tnejn sal-Ġimgħa 9.00 a.m. – 1.00 p.m.
**Tel:** (+356) 21413664 **E-mail:** missionfund@global.net.mt **Website:** www.missionfund.org.mt **Facebook:** www.facebook.com/globali.net.mt

**Reg No: VO/0015**




Ġorġ Preca imwaħħlin mal-ħajt ħdejn xulxin.

Żorna wkoll mara anzjana oħra li kienet qed tieħu ħsieb tifel ta' sentejn. Dan it-tifel kien l-uniku wieħed li baqa' ħaj f'inċident tat-traffiku li fih kienet involuta karozza tal-linja. Il-passiġġieri mietu kollha inklużi l-ġenituri ta' dan it-tifel. Dak iż-żmien it-tifel kellu biss 6 xhur. It-tifel għandu żewġ ħutu akbar minnu, imma fortunatament huma ma kienux f'dik il-karozza tal-linja.

Żorna wkoll familja ta' 9 li tikkonsisti fil-missier ta' 63 sena u l-omm ta' 42 sena. Il-missier ma jaħdimx filwaqt li l-omm tagħmel xi ġranet fil-ġimgħa taħdem billi taħsel xi ħwejjeġ lin-nies. B'hekk hija taqla' madwar 300 KSh fil-ġimgħa. Huma jridu jħallsu kera ta' 3,000 KSh fix-xahar, barra l-ispejjeż tad-dawl u għall-ħajja. Il-familja kollha jorqdu f'kamra waħda u xi snin ilu kien hemm xi benefatturi Maltin li xtrawlhom żewġ sodod.

Darb'oħra morna f'inħawi fejn kien hemm numru ta' djar taż-żingu b'passaġġ dejjaq bejniethom kollu ħamrija. Hemmhekk żorna familja li kienet tikkonsisti fl-omm, li hija marida bl-AIDS, u li għandha tlett itfal. Dawn kif rawna nfexxew kollha jibku, tant li lilna emozzjonawna ħafna. It-tfal imorru l-iskola primarja u għalhekk hija jkollha tħallas miżata ta' 900 KSh fix-xahar. Dan barra l-kera ta' 1,300 KSh oħra fix-xahar. Biex ittaffi għal dawn l-ispejjeż, hija taħsel il-ħwejjeġ tan-nies biex b'hekk hija taqla' 100 KSh kull darba.

Laqtitna ħafna omm li dehret b'wiċċ imnikket. It-tifel tagħha għandu 14-il sena u li bilfors ikollu jagħmel iċ-ċirkonċiżjoni għax skont studju mediku dan iservi biex jitnaqqsu l-infezzjonijiet tal-HIV. Din l-operazzjoni tiswa 10,000 KSh, iżda hi m'għandhiex







biex tħallas din is-somma.

Wieħed ma jistax jimmaġina kif dawn il-familji jgħixu ġo djar mudlama li jikkonsistu f'kamra waħda li sservi għal kollox u forsi kamra oħra li jkun fiha sodda jew tnejn. Huma jgħidulek li jħallu f'idejn Alla.

Lil kull familja li żorna, tajnihom ftit oġġetti tal-ikel li kienu jinkludu ross, flixkun żejt, dqiq, zokkor u żewġ sapuniet. Uħud mill-voluntiera tawhom ukoll xi donazzjonijiet. Huma damu ħafna jirringrazzjawna li morna nżuruhom speċjalment għall-ikel li tajnihom, tant li xi drabi huma ma felħux jikkontrollaw l-emozzjoni tagħhom.

Meta morna nagħmlu dawn iż-żjarat, dejjem sibna grupp ta' tfal ħafjin imma ferħanin jiġru warajna jistennewna li nagħtuhom xi ftit ħelu jew xi biċċa ċikkulata.

Fuq inizzjattiva ta' xi voluntiera, inxtraw xi sodod biex jingħataw lil familji foqra. Dawn il-familji joqogħodu fi kmamar taż-żingu f'kundizzjonijiet inumani. F'waħda minn dawn id-djar, jekk tista' ssejħilhom hekk, toqgħod xebba voluntiera li tgħin lis-sorijiet fit-tagħlim tal-katekiżmu. Meta morna biex inqiegħdu sodda f'dar oħra, l-anqas kien hemm post fejn inpoġġuha tant kemm kien hemm ħwejjeg imdendlin u affarijiet oħra f'dik id-daqsxejn ta' għorfa. Fil-fatt, il-mara qaltilna li għandha tifel kbir u se jieħu ħsieb hu biex jarma s-sodda wara li jiżbarazza xi affarijiet. L-istess ħaġa ġara meta morna fid-dar tat-tielet familja, fejn il-mara li toqgħod hemm qalet li hemmhekk joqgħodu disa' minn nies - ħaġa li wieħed ma jistax jimmaġina li hija possibbli minħabba ċ-ċokon ta' dik id-dar. Barra minn hekk, din il-familja toqgħod f'ambjent ta' kundizzjonijiet sanitarji inaċċettabbli peress li hemm id-drenaġġ għaddej f'nofs it-triq. Il-maġġor parti ta' dawn il-familji kellhom il-provvista tad-dawl maqtugħa peress li huma ma kellhomx flus biex iħallsu l-kontijiet.

> **Wieħed ma jistax jimmaġina kif dawn il-familji jgħixu ġo djar mudlama li huma aktar addattata biex trabbi l-ħamiem fihom milli biex joqogħdu n-nies**

Meta konna hemmhekk, organizzajna wkoll diversi street parties għat-tfal foqra li jgħixu fl-inħawi. Lil dawn tajnihom ftit ross, stuffat taċ-ċanga, ħaxix u ċabatta. Dawn it-tfal kienu verament grati lejna li tajnihom dan id-daqsxejn ikel, għax għalihom din kienet ikla ta' ġurnata. Barra minn hekk, tajnihom ukoll xi ftit ħelu, bżieżaq u rigali żgħar.

## PUBBLIKAZZJONIJIET




B'inizjattiva ta' Saviour Farrugia ġie ppubblikat ktieb **"25+ Years of Missionary Experiences".** Din il-pubblikazzjoni fiha ġabra ta' tagħrif dwar lesperjenzi missjunarji li saru kull sena mill-1992 'l hawn. Minbarra r-ritratti bil-kulur tal-proġetti li saru tul dawn is-snin, dan il-ktieb fih intervisti mal-persuni li ħadu sehem f'dawn l-esperjenzi. Ktieb li mhux ta' min titlfu għax jerġa' jġiblek innostalġija tal-passat. **Prezz €10 BISS.**

Pubblikazzjoni oħra hija ġabra ta' poeżiji sbieħ u ħelwin b'suġġetti varji minn Josephine Buhagiar.




Is-suġġetti jvarjaw minn eloġju fuq il-Papa Ġwanni Pawlu II sat-tifkiriet ta' tfulitna jew fuq it-telfa tat- tieqa tad-Dwejra. Ktieb li meta taqrah inissillek tbissima fuq wiċċek jew jagħtik ispirazzjonispiritwali. Tassew fih daqsxejn minn kollox.
**Prezz €10 BISS.**

## RIŻULTAT TAL-LOTTERIJA GRANDJUŻA

| | | | |
|---|---|---|---|
| $1^{0}$ | Premju: Cruise Malta/Malta għal 2 persuni | AA 17807 | Doris Briffa (B'Kara) |
| $2^{0}$ | Premju: Lourdes 3 day Tour għal 2 persuni | BB 039872 | Carmen Duff (Attard) |
| $3^{0}$ | Premju: 2 biljetti għal Ċipru | DD 214227 | Elizabeth Parisi (Naxxar) |
| $4^{0}$ | Premju: Thomson 40" TV full HD | CC 041797 | Francesco Caruana |
| $5^{0}$ | Premju: Ocean washing machine 7Kg | BB 172906 | Anthony Vella (Mosta) |
| $6^{0}$ | Premju: Weekend break għal 2 f'San Antonio Hotel | BB 073756 | Alida Zammit Moore |
| $7^{0}$ | Premju: Weekend break għal 2 f'Suncrest Hotel | BB 018307 | Frances Bonnici (Sliema) |
| $8^{0}$ | Premju: Weekend break għal 2 f'Ramla Bay Hotel | BB 029910 | Joseph Bonello (Dingli) |
| $9^{0}$ | Premju: Furla 'Hobo' Handbag (Taupe) | CC 170104 | Helen Montfort (B'Kara) |
| $10^{0}$ | Premju: 'Le Creazioni Artistiche' frame | CC 093330 | C. Cordina (Sliema) |
| $11^{0}$ | Premju: Lampshade Neutral & Brown – Luxonas | AA 029892 | Michael Mizzi |
| $12^{0}$ | Premju: Weekend break for 2 f'Paradise Bay Hotel | DD 021324 | Pamela Lia (Zabbar) |
| $13^{0}$ | Premju: Fretwork Lamp + Tea Jar Vase – Luxonas | CC 187259 | J Zammit Micallef (San Gwann) |
| $14^{0}$ | Premju: Sett ta' 2 važuni - Luxonas | DD 172228 | Mary Vella Frendo (Mgarr) |
| $15^{0}$ | Premju: Važun + Buffet Lunch għal 2 f'Antonin Hotel | BB 198174 | Anna Xuereb (B'Kara) |
| $16^{0}$ | Premju: Handbag iswed + par imsielet Swarovski | CC 101324 | Noel Cuschieri (Attard) |
| $17^{0}$ | Premju: Ocean Vacuum Cleaner | BB 037088 | D Grima (Tarxien) |
| $18^{0}$ | Premju: Ocean Microwave 20Lt | AA 045935 | Salvina Micallef (Gharghur) |
| $19^{0}$ | Premju: Važun ħeksagonali - Luxonas | BB 028289 | Carmen Mercieca (Pembroke) |
| $20^{0}$ | Premju: Glass Lamp | AA 072347 | Carmen Micallef (Rabat) |
| $21^{0}$ | Premju: Dinner set + Pizza for 2 f'Antonin Hotel | DD 098738 | Carmen Attard (Attard) |

## DONAZZJONIJIET ONLINE

Inti tista' tagħti d-donazzjoni tiegħek lill-Mission fund minn fuq il-websajt **www.missionfund.org.mt** fil-kumdita' tad-dar. Żur dan is-sit elettroniku u għafas il-link *"DONATE"*. Tista tuża l-cards bħal: VISA, Mastercard, BOV Cashlink, APS Premier u HSBC Quickcash.

Jekk tippreferi tista' wkoll tagħmel trasferiment bankarju dirett f'wieħed minn dawn il-kontijiet:

**BOV: 163 007 980 19 ~ APS: 200 008 207 62 ~ BNF: 000 879 631 01**
**GRAZZI TAL-GĦAJNUNA TIEGĦEK**